**24 ta' Novembru, 1992**

**Imħallef: –**

**Onor. Victor Caruana Colombo LL.D.**

Il-Pulizija

*versus*

Patrick Filletti u Enrico *sive* Henry Filleti

## Ġurament Falz – Spergur – Ritrattazzjoni

*It-teorija tar-ritrattazzjoni fil-każ ta' testimonjanza falza, ibbażata fuq l-artikolu 602(1) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili, tapplika biss għar-reat ta' spergur u mhux ukoll għar-reat ta' ġurament falz ikkontemplat fl-artikolu 108(1) tal-Kodiċi Kriminali.*

Il-Qorti: –

Rat l-atti kkompilati kontra ż-żewġ imputati fuq l-akkużi li f'dawn il-Gżejjer fit-22 ta' Ġunju, 1989 għall-ħabta ta' l-10.00 a.m., (1) bil-ħsieb li jagħmlu delitt, huma wrew dan il-ħsieb b'atti

esterni u taw bidu għall-esekuzzjoni tad-delitt billi b'mezzi kontra l-liġi, jew billi għamlu użu ta' ismijiet foloz, jew ta' kwalifiki foloz, jew billi nqdew b'qerq ieħor, ingann jew billi wrew ħaġa b'oħra sabiex iġiegħlu titwemmen l-eżistenza ta' intrapriżi foloz, jew ta' ħila, setgħa fuq ħaddieħor, jew ta' krediti immaġinarji, jew sabiex iqanqlu tama jew biża' dwar xi ġrajja kimerika, pprovaw jagħmlu qliegħ ta' madwar Lm10,000, bi ħsara tal-kumpanija magħrufa bħala *"Elmo Insurance Co. Ltd."*, liema delitt ma ġiex esegwit minħabba xi ħaġa aċċidentali u indipendenti mill-volontà tagħhom, kif ukoll (2) li fl-istess data, ħin u lok, huma ħalfu l-falz quddiem Maġistrat jew quddiem uffiċjal ieħor li għandu s-setgħa b'liġi li jagħti l-ġuramenti;

Rat is-sentenza tal-11 ta' Novembru 1991 li biha l-Qorti tal-Maġistrati (Malta) ma sabitx lill-imputati ħatja ta' l-imputazzjonijiet billi ma rriżultawx, u lliberathom minnhom;

Rat ir-rikors ta' l-appell li bih l-Avukat Ġenerali talab li din il-Qorti tirriforma dik is-sentenza bill fil-waqt li tikkonfermaha f'dik il-parti fejn sabet liż-żewġ imputati mhux ħatja ta' l-akkuża tat-tentattiv ta' truffa, tirrevokaha fil-bqija, u ċjoè fejn sabithom mhux ħatja ta' ġurament falz, u minflok issibhom ħatja ta' dan ir-reat u tinfliġġi l-piena skond il-liġi;

Rat is-sentenza tat-28 ta' April, 1992 li biha din il-Qorti ċaħdet l-eċċezzjonijiet tan-nullità ta' l-appell issollevata miż-żewġ imputati appellati, stante l-allegata inappellabilità mill-Avukat Ġenerali tas-sentenza appellata;

Rat l-atti l-oħrajn u kkunsidrat illi:

1. Il-fatti brevement kienu s-segwenti: L-imputati Patrick

u Enrico aħwa Filletti kienu rispettivament *managing director* u tekniku fil-fabbrika tas-soċjetà *Laser Limited.* Fit-22 ta' Ġunju, 1989 ġie skopert li kien sar serq bi sgass minn din il-fabbrika. F'dik l-istess ġurnata ż-żewġ imputati xehdu quddiem il-perit tekniku nnominat mill-Maġistrat Inkwirenti. Fid-deposizzjoni tiegħu kull wieħed mill-imputati xehed li kienet ġiet misruqa mill-fabbrika ċerta kwantità ta' oġġetti. L-Ispettur tal-Pulizija li kien qiegħed jinvestiga s-serqa, issuspetta minn xi rregolarità, u kellem lill-imputati. Kull wieħed minn dawn, fi stqarrija li għamel lill-Ispettur, iddikjara li l-oġġetti in kwistjoni misruqin realment kienu ferm inqas fil-kwantità minn kif kien xehed fl-inkjesta. It-tnejn iddikjaraw li kienu xehdu l-falz bl-iskop li mingħand l-assikuratur tagħhom jieħdu kumpens ta' serqa li kienu sofrew preċedentement;

2. L-aggravju ta' l-Avukat Ġenerali jirrigwarda t-tieni imputazzjoni tal-ġurament falz, u jikkonsisti filli l-ewwel Qorti lliberat lill-imputati billi rriteniet illi d-delitt ta' ġurament falz taħt l-artikolu 108 tal-Kapitolu 9, li l-imputati huma akkużati bih, ġie newtralizzat bir-ritrattazzjoni tagħhom volontarja fu f'waqtha, u għalhekk dan id-delitt ma ssussistiex. L-Avukat Ġenerali jissottometti fir-rikors tiegħu li l-ġurament falz huwa reat formali u għalhekk il-figura tar-ritrattazzjoni (*"retraction"*) mhix applikabbli għalih;

3. Id-delitt in kwistjoni huwa kontemplat fl-artikolu 108(1) tal-Kapitolu 9, u jiġi kommess minn kull min, f'kull każ ieħor mhux imsemmi fl-artikoli preċedenti, "jaħlef il-falz quddiem Maġistrat jew quddiem uffiċjal ieħor li jkollu s-setgħa b'liġi li jagħti l-ġurament". Il-każijiet imsemmijin f'dawk l-artikoli preċedenti jikkonsistu f'dikjarazzjonijiet ġuramentati foloz magħmulin minn xhieda, partijiet akkużati jew periti f'kawżi

ċivili jew kriminali. Ix-xiehda in kwistjoni ta' l-imputati ma kinitx f'kawża simili. Kienet quddiem perit tekniku nnominat fl-inkjesta msemmija, li kellu l-fakoltà jissomministra l-ġurament. L-imputati, fl-istqarrija tagħhom lill-Pulizija, ammettew li kienu ħalfu l-falz quddiem il-perit imsemmi. M'hemmx dubju li huma kkommettew il-fatt kontemplat fl-artikolu 108(1) hawn fuq ċitat;

4. L-ewwel Qorti aċċettat it-teżi sottomessa mid-difiża li dak il-fatt ta' l-imputati ma għandux jiġi kkunsidrat li jikkostitwixxi r-reat kontemplat fl-istess artikolu billi dan ir-reat ġie "newtralizzat" bir-ritrattazzjoni tax-xhieda tagħhom mill-imputati. Din in-newtralizzazzjoni ma tirriżultax mil-liġi, iżda mid-dottrina u mill-ġurisprudenza anki nostrali;

5. Din it-teżi hija bbażata fuq dawn il-konsiderazzjonijiet. L-artikolu 602(1) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili, magħmul applikabbli għall-proċedimenti kriminali bl-artikolu 645 tal-Kodiċi Kriminali, jiddisponi li l-Qorti tippermetti lil xhud jagħmel xi żieda jew korrezzjoni fid-deposizzjoni tiegħu, u dan f'kull żmien qabel l-għeluq tas-smigħ tal-kawża. Minn din id-disposizzjoni jsegwi li d-diversi partijiet ta' deposizzjoni jiffurmaw ħaġa waħda indiviżibbli, u li d-deposizzjoni ma tistax titqies kompleta u inevokabbli ħlief meta s-smigħ tal-kawża jkun defenittivament magħluq;

It-teorija premessa però kjarament tirriferixxi għat-testimonjanza falza prestata f'kawża, mhux għall-ġurament falz kontemplat fl-artikolu 108(1) Kapitolu 9 li bih huma akkużati l-imputati. Dawn però ssottomettew fit-trattazzjoni li dan il-ġurament falz ma għandux jiġi kkunsidrat differentement mix-xiehda falza f'kawża. Ir-*raison d'etre* tat-teorija in kwistjoni fil-każ tax-xiehda falza hija li x-xhud li jirritratta dik ix-xiehda qabel

ma din tipproduċi ħsara irreparabbli u hekk volontarjament jiddistruġġi l-effetti tagħha, ma għandux jiġi punit. Fil-każ tal-ġurament falz ir-ritrattazzjoni magħmula mill-individwu, wkoll tevita d-dannu li jkun ser isir permezz ta' dak il-ġurament. Fil-każ odjern, ir-ritrattazzjoni ta' l-imputati evitat il-possibbilità li l-asskiuratur tagħhom jisborsa sebat elf lira minflok seba' mija. Din hi t-teżi ta' l-imputati;

7. Din il-Qorti, bir-rispett mhix konvinta minn dan kollu. Ir-reat in eżami huwa ovvjament reat formali. Ġie indubbjament kommess, bl-elementi kostituttivi tiegħu kollha, appena l-imputati, wara li kien ġie lilhom somministrat il-ġurament, għamlu dikjarazzjoni falza lill-perit tekniku. Ir-ritrattazzjoni tagħhom, aktar tard, ma ddisfatx il-fatt kostitwenti r-reat li kienu kkommettew, u ma naqqset ebda wieħed mill-elementi ta' dak ir-reat. Il-liġi ma tiddisponi xejn fis-sens tan-"newtralizzazzjoni" tar-reat f'każ ta' ritrattazzjoni. Din il-Qorti frankament ma tara ebda differenza bejn li tgħid li r-ritrattazzjoni tinnewtralizza r-reat tal-ġurament falz bil-konsegwenti liberazzjoni ta' min ikun ħalef il-falz, u li tgħid li r-restituzzjoni lil sidhom ta' l-oġġetti misruqin tinnewtralizza r-reat tas-serq bil-konsegwenti liberazzjoni tal-ħalliel;

8. Għall-fini tal-piena jingħad li jidher ċar li l-ġurament ta' l-imputati fl-inkjesta li fiha ipprestawh, kien meħtieġ fil-liġi. Jingħad ukoll li in vista tar-ritrattazzjoni f'waqtha taż-żewġ imputati, huwa indikat l-ordni infraskritt ta' liberazzjoni kondizzjonata;

Għalhekk tilqa' l-appell u tirriforma s-sentenza appellat billi tikkonfermaha f'dik il-parti li biha ż-żewġ imputati ġew misjuba mhux ħatjin ta' l-akkuża ta' tentattiv ta' truffa u lliberati minnha,

u tirrevoka l-istess sentenza fil-bqija, u minflok issib liż-żewġ imputati ħatjin tar-reat ta' ġurament falz kontemplat fl-artikolu 108(1)(a) tal-Kodiċi Kriminali, u tillibera lil kull wieħed minnhom a tenur ta' l-artikolu 9 tal-Kapitolu 152 bil-kondizzjoni li ma jikkommettux reat sa tnax-il xahar mil-lum. Il-Qorti fissret lill-imputati dan l-ordni bi kliem ċar skond il-liġi.